StudentBounty.com

# EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ TAŻ-ŻGĦAR 2009

DIRETTORAT GĦAL KWALITA` U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**IT-TIENI KLASSI** **MALTI** **ĦIN: Sagħtejn**

Isem: ________________________________________ Klassi: _________

Istruzzjonijiet lill-istudenti:

1. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub/a.

2. Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.

---

GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA

SKEMA TA' MARKI

| Mistoqsija | A | B | Ċ | D | E | F(i) | F(ii) | Ġ | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 8 | 24 | 6 | 6 | 6 | 14 | 16 | 20 | 100 |
| Marki tal-istudent/a | | | | | | | | | |

KUMMENTI

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

## SILTA GĦALL-ISTĦARRIĠ

Aqra sewwa s-silta u wieġeb il-mistoqsijiet.

# Konsumaturi Responsabbli



Aħna lkoll konsumaturi għaliex aħna lkoll, xi mument jew ieħor, waqt il-ġurnata tagħna nixtru xi oġġett. Daqqa forsi nixtru xi ħaġa x'nieklu, daqqa xtrajna xi affarijiet għall-iskola jew forsi xi ħwejjeġ ġodda u oġġetti oħra li nistgħu niġu bżonn minn ġurnata għall-oħra. (*par.1*)

Bħala konsumaturi, kemm jekk aħna kbar kif ukoll jekk aħna żgħar, għandna nistaqsu lilna nfusna x'nistgħu nagħmlu biex, kemm jista' jkun, innaqqsu l-ħsara li qiegħda ssir fl-ambjent minħabba x-xiri ta' ċerti prodotti. (*par.2*)

Waqt li qegħdin nixtru, għandna nżommu f'moħħna dawn it-tliet regoli: **naqqas, erġa' uża u irriċikla.** Għaldaqstant, qabel ma nixtru xi oġġett partikolari għandna nistaqsu jekk għandniex verament bżonn dak l-oġġett. B'hekk, apparti li niffrankaw il-flus, inkunu qegħdin innaqqsu l-iskart. Inkunu wkoll innaqqsu l-impatt ħażin li l-iskart qiegħed ikollu fuq l-ambjent. (*par.3*)

Kull oġġett li nixtru x'aktarx irridu narmuh, kemm lilu, kif ukoll l-ippakkjar li jiġi fih. Għalhekk meta nkunu qegħdin nagħżlu l-prodott li se nixtru għandna nsibu prodott li hu ppakkjat f'materjal irriċiklat. (*par.4*)

Bħala konsumaturi responsabbli nistgħu wkoll nieħdu ħsieb l-ambjent billi nnaqqsu l-użu tal-basktijiet tal-plastik. Dawn jagħmlu ħafna ħsara lill-ambjent għaliex idumu ħafna biex jinqerdu. (*par.5*)

Dan li semmejna jfakkarna kemm huwa importanti l-ambjent. L-ambjent huwa tagħna lkoll, għalhekk aħna responsabbli li nibżgħu għalih. (*par.6*)

(Addattament minn *Kif Inkunu Konsumaturi Responsabbli* ta' Odette Vella - **Sagħtar** – Novembru 2007)

## A. FEHIM IT-TEST (8 marki)

1. Għaliex aħna lkoll nissejħu *konsumaturi*?

_______________________________________________ (1)

2. Għaliex qiegħda ssir il-ħsara fl-ambjent?

_______________________________________________ (1)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

3. Semmi żewġ raġunijiet għaliex għandna nistaqsu jekk hux tassew ikollna bżonn oġġett.

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________ (2)

4. Għaliex għandna nixtru prodotti ppakkjati f'materjal riċiklat?

______________________________________________

______________________________________________ (1)

5. X'nistgħu nagħmlu iżjed biex nieħdu ħsieb l-ambjent? Għaliex? (*par.5*)

______________________________________________

______________________________________________ (2)

6. Għaliex aħna għandna nħossu r-responsabbilta` li nibżgħu għall-ambjent?

______________________________________________ (1)

## B. GĦARFIEN IL-LINGWA (24 marka)

### (i) ANALIŻI TESTWALI

7. *Kull oġġett li nixtru x'aktarx irridu narmuh, kemm lilu, kif ukoll l-ippakkjar li jiġi fi**h*** (*par.4*). Għal xiex qiegħed jirreferi l-pronom **h** tal-kelma fi**h**? ______________ (1)

8. *Dawn jagħmlu ħafna ħsara lill-ambjent għaliex idumu ħafna ma jinqerdu.* (*par.5*). Għal xiex qiegħda tirreferi l-kelma *Dawn*? ______________ (1)

9. *Dan li semmejna ...*(*par.6*) Ikteb it-tliet regoli li juru kif nistgħu nibżgħu għall-ambjent minħabba dak li semmejna. __________ __________ __________ (3)

### (ii) LESSIKU / VOKABULARJU

10. Mill-ewwel paragrafu, liema hija dik il-kelma li tfisser: xi waqtiet? ______________ (1)

11. Agħti kelma oħra minflok: ħsara (*par.2*) __________ bżonn (*par.3*) __________ (2)

### (iii) SINTASSI / SENTENZA

12. Ikteb kelma jew frażi biex tgħaqqad iż-żewġ sentenzi. (Tużax il-kelma **għaliex**)

Bħala konsumaturi responsabbli nistgħu wkoll nieħdu ħsieb l-ambjent billi nnaqqsu l-użu tal-basktijiet tal-plastik. Dawn jagħmlu ħafna ħsara lill-ambjent. (*par.5*)

______________________________________________

______________________________________________(2)

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

(iv) **GRAMMATIKA U MORFOLOĠIJA**

**Wieġeb skont kif mitlub.** (14-il ma

**(Il-kitbiet li huma fil-korsiv ittieħdu minn *Oħroġ Il-Għerf – Grammatika Bil-Livelli – 2*)**

13. *Sewwa sew kif kien dieħel l-uffiċċini tal-kumpannija, waqfu tnejn min-nies lebsin crash helmet u nuċċali tax-xemx li, wara li aggredewh, ħatfulu l-borża li fiha kellu aktar minn 56,000 ewro.*

a) Agħti l-plura sħiħ ta' *nuċċali* - __________________________ (1)

b) Agħti l-plural miksur ta' *borża* - __________________________ (1)

14. Imla skont il-parentesi.

*Kienu jidhru nies baxxi…iħaqquha ma' xulxin għall-iċken ħaġa u jxejru* _____________(l-idejn tagħhom) *ma' kull kelma qishom* _________________(plural ta' mitħna). (2)

15. Irriga l-Istat Kostrutt f'din is-sentenza.

*... f'nofs ħaġra ta' ħaġra hemm impronta ta' sultan li trid tkun baħnan biex ma tarax wiċċ is-sultan.* (1)

16. Irriga n-nom magħqud mas-suffiss pronominali li juri possessiv.

*U trid tkun trux biex ma tismax id-daqqa ta' rasu hekk kif din faqqgħet qisha dulliegħa...* (1)

17. Imla l-vojt bil-pronomi.

*Għax* _________ *ma niħux ħelu m'għand nies li ma naf*_________. (2)

18. Oħroġ verb mill-konsonanti fil-parentesi.

*Kull aġenzija tipprova* (ħ-l-q) ________________ambjent li jgħin lil kull individwu. (1)

19. Nissel kelma mill-kliem/kelma rrigat/a biex tagħti sens lis-sentenza.

a) Aħna <u>nirriċiklaw</u> l-iskart.

b) L-iskart jiġi ________________________ minna. (1)

ċ) <u>Dawk li attendew</u> kienu ħafna.

d) L-______________ kienet numeruża. (1)

20. X'jissejjaħ it-tip ta' temp tal-verb irrigat?

*Il-livell tal-programm <u>qiegħed jieħu</u> daqqa 'l isfel.* = temp _________________________ (1)

21. a) Imla b'aġġettiv addattat mill-għerq fil-parentesi.

*Trid żarbun magħmul minn ġilda (r-t-b)* _____________*?* (1)

b) Imla b'aġġettiv fis-superlattiv.

*Trid żarbun maħdum b'teknoloġija (modern)* __________________________*?* (1)

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

## Ċ. L-ASPETT SIMBOLIKU FL-ISFOND LINGWISTIKU POPOLAR

StudentBounty.com

Is-silta titkellem dwarna l-konsumaturi. Ara kemm taf il-**Qwiel** dwar **Xiri u Negozju**.

A. Fisser il-qwiel.

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | Talli tħallas tieħu. | | (1) |
| 2. | Dak li jixtri l-ħut fil-baħar jieklu jinten. | | (1) |

B. Kompli l-qwiel biex turi kemm huwa importanti l-ħsieb waqt ix-xiri.

3. Aħjar ______________________ milli mitt skud fis-senduq. (1)

4. ________________________________ ma swiet flus. (1)

Ċ. Mit-tielet paragrafu sib idjoma, iktibha u, fissirha.

Idjoma: ____________________________________________________________________ (1)

Tifsira: ____________________________________________________________________ (1)

## D. ĦILIET FIL-MALTI KOMUNIKATTIV (6 marki)

Agħżel mil-lista ta' aġġettivi/frażijiet li ssib fil-kaxxa biex tibni d-dehra fiżika u l-karattru ta' xi ħadd li taf. (Aqleb fil-femminil jekk il-persuna hija xi ħadd fil-femminil.) Ikteb madwar sittin kelma.

| |
|---|
| ħelu, ma jiġbdekx, edukat, stramb, ċajtier, nervuż, kalm, avventuruż, kwiet, imqareb, fuq tiegħu, egoist, altruwist, umli, imkabbar, nadif, bil-għaqal, traskurat, prużuntuż, irqiq, imbaċċaċ, twil, b'xagħar innukklat/lixx, ħanin, qalbu ġulġliena, jibża' minn dellu, kuraġġuż |

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

## E. TIFTIX - TRAWWIM KULTURALI – SEHEM IL-MALTI FIL-KULTURA

F'madwar sittin kelma ikteb dwar wieħed mill-personaġġi li ta sehmu fil-kultura Maltija u li fittixt dwaru għall-proġett ta' din is-sena.

## F. (i) LETTERATURA - POEŻIJA (14-il marka)

Wieġeb **A** u **B**

### A. NADRIET 2 – *IT-TOKKI TAL-PATERNOSTER* ta' Achille Mizzi



Fejn hu l-Paternoster
nann…?
u l-kafe` fl-istanjata
jgħanni
is-sħana taħt il-friex
irdussat?
Fejn hu l-Paternoster
li jgerrex
bis-setgħat
tal-kampnari mirjieħa
l-għefiered
li jħufu
fid-dalma tal-lejl.

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

1. L-istil ta' din il-poeżija huwa tradizzjonali jew modern? ______________________ (1)
2. Il-poeżija hija miktuba bil-vers ______________________.
3. Il-poeżija hija ______________________________ għaliex il-poeta qiegħed jindirizza lil xi ħadd. (1)
4. *jgħanni* (v.4) u *jgerrex* (v.8) huma żewġ verbi li bħala figura tad-diskors jissejħu ______________________. (1)
5. F'madwar għoxrin kelma ikteb dwar dak li xtaq jgħid il-poeta b'din il-poeżija. (3)

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

6. Wieġeb il-mistoqsijiet dwar ***Il-Ħajku*** ta' Anton Buttigieg

i) Jiena bħall-għodwa...
kull jum noħloq dinja
ġdida ta' ġmiel.

It-tixbiha użata tissejjaħ ___________________ (1)

ii) Din qalbi żgħira,
inħoss iżda li tesa'
lil Alla fiha.

Buttigieg ried jurina kemm
___________________________ (1)

iii) Il-bagħal tas-sienja
eluf ta' mili mexa,
u mkien ma mar.

Il-poeta juri li xogħol il-ħmar huwa
_____________________________________________
_____________________________________________(1)

iv) Farfett sabiħ,
maħdum bis-simetrija,
int sunett t'Alla.

Il-poeta jikkummenta dwar
___________________________
tal-farfett maħluq minn Alla. (1)

## B. Aktar Nadriet Poetiċi

*Marsaxlokk* ta' Charles Flores, *Univers Ieħor* ta' Dun Karm, *Lejl tat-Tfulija* ta' Ġorġ Borġ, Il-*Ħajt tas-Sejjieħ* ta' Rena Balzan, *Settembru* ta' Wallace Ph. Gulia

Agħżel poeżija **waħda** mil-lista u ikteb il-ħsieb tal-poeżija f'għoxrin kelma. (3)

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

## F. (ii) LETTERATURA - PROŻA (16-il ...

Wieġeb **A** u **B**

**A. Nies Bla Sabar** ta' Temi Zammit (6 marki)

Wieġeb f'madwar sittin kelma.

Fl-istorja *Ferħa Bla Temma* naqraw dwar Vitor u l-pjan tagħha biex tkun tista' tgawdi mill-wirt taz-ziju Pawl. Ikteb dwar x'għamlet Vitor.

**B. Ħolm tal-Milied?** ta' Trevor Żahra (10 marki)

Agħżel **WAĦDA** u wieġeb f'madwar mitt kelma. (Ikteb fuq karta oħra.)

1. Ikteb dwar id-drawwiet folkloristiċi li jissemmew f'dan ir-rumanz.

**JEW**

2. Irrakkonta dwar meta Leli kellu jqatta' lejl għand in-nanna Franġiska u z-zija Anni.

## Ġ. KOMPONIMENT (20 marka)

Ikteb madwar 200 kelma dwar **WIEĦED** minn dawn. (Ikteb fuq karta oħra.)

1. Inti kont mistieden/mistiedna miz-zijiet biex tqatta' l-jiem tal-festa fir-raħal fejn joqogħdu. Ikteb dwar kif tiġi ċċelebrata din il-festa.
2. Kemm inħobb nitkellem magħhom! Ikteb dwar il-karattru ta' tnejn min-nies li jogħġbuk.
3. Mort inżur post storiku. Ikteb dwaru.
4. Fir-raħal fejn noqgħod ġrat biċċa tinkiteb!
5. Kemm huwa sabiħ l-ambjent li ħalaq Alla! Ikkummenta.

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers